MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 16/2010

**Joseph Pitre Limited [C-26724]**

**Vs**

**Jonathan Said**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-12 ta' Novembru, 2009** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elfejn u hmistax-il euro [€2015] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Li prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, l-konvenut jiġi kkundannat ihallas is-somma ta' €2015, rappreżentanti bilanċ dovut minnu lis-socjeta attriċi ghal merkanzija minnu ordnata u debitament konsenjata, u liema bilanċ baqa ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali eżekuttiva 3535/09 u tal-Mandat ta' Sekwestru intavolat

kontestwalment ma' dan l-Att, u bl-imghax legali dekorribbli mis-17 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-pagament effettiv".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fil-5 ta' Frar, 2010 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi t-talbiet tas-socjeta attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ebda ammont m'hu dovut lilha peress li l-prodotti konsenjati konsistenti f'madum ma kienux dawk li effettivament kienu gew ordnati mill-esponent u li kienu mwieghda lilu mill-istess soċjetà attriċi, u l-madum li gie konsenjat huwa ta' kwalità u dehra ferm inferjuri minn dak oriġinarjament ordnat mill-esponent.

2. Illi oltre dan ma saritx il-konsenja ta' l-affarijiet kollha ordnati mill-esponent minghand is-socjeta attriċi.

3. Illi minkejja li s-socjeta attriċi ġiet mitluba u nterpellata sabiex tikkonsenja l-madum ordnat mill-esponent, din baqghet inadempjenti.

4. Salv risposta ulterjuri".

Ra **l-kontro-talba mressqa mill-intimat** fil-konfront tas-socjeta rikorrenti fejn stqarr hekk:

"Illi s-socjeta attriċi ghandha tiġi kkundannata thallas is-somma ta' tlett elef u erba' mitt euro (€3,400) rappreżentanti prezz ta' madum ordnata u konsenjata lill-esponent mill-istess soċjetà attriċi u li rrizulta ta' kwalità u dehra inferjuri minn dik oriġinarjament ordnata mill-esponent.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-istess soċjetà attriċi minn issa ngunta ghas-subizzjoni"

Ra **r-risposta tas-socjeta rikorrenti ghal-kontro-talba** ta' l-intimat minnha mressqa fid-19 ta' Frar, 2010 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk:

"Illi t-talba tal-konvenut rikonvenjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tiġi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut rikonvenjenti, fl-ewwel lok ghaliex mhux minnu li l-madum ta' kwalità inferjuri, u fit-tieni lok ebda somma ma hija dovuta lilu"

Ra l-verbal datat 10 ta' Lulju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Semgha' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita u n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' €2015, rappreżentanti bilanċ minn ammont ikbar dovut lilha ghall-bejgh ta' madum debitament ikkonsenjat lill-intimat. Dan l-ammont, tghid is-socjeta rikorrenti, baqa ma thallasx mill-intimat minkejja li hija interpellatu diversi drabi. Da parti tieghu, l-intimat qal li l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta rikorrenti u dan peress li "*... l-prodotti konsenjati konsistenti f'madum ma kienux dawk li effettivament kienu gew ordnati mill-esponent u li kienu mwieghda lilu mill-istess soċjetà attrici*". Zied ighid li l-madum li gie konsenjat lilu mis-socjeta rikorrenti huwa ta' kwalità u dehra ferm inferjuri minn dak oriġinarjament ordnat minnu. Qal ukoll li s-socjeta rikorrenti naqset milli tikkonsenja l-oggetti kollha ordnati u minkejja li hija ġiet ordnata sabiex tikkonsenja l-madum ordnat, hija baqghet inadempjenti.

2. L-intimat ressaq kontro-talba kontra s-socjeta rikorrenti fejn talabha thallsu s-somma ta' €3,400 rapprezentanti prezz ta' madum ordnat u kkonsenjat lilu

mis-socjeta rikorrenti, liema madum irriżulta li kien ta' kwalità u dehra inferjuri minn dak oriġinarjament ordnat minnu. Is-socjeta rikorrenti rrispondiet billi qalet li l-madum ma huwiex ta' kwalità inferjuri tant li gie aċċettat u installat fir-residenza ta' l-intimat u li l-ebda ammont ma huwa dovut minnha.

Ikkunsidra;

3. L-ewwel kwistjoni li ghandu jiddeċiedi t-Tribunal f'dan il-kaz huwa kemm kienu f'termini monetarji l-akkwisti li ghamel l-intimat mis-socjeta rikorrenti. Imbaghad jiġi stabbilit x'hallas l-intimat lis-socjeta rikorrenti, u d-differenza, jekk ikun hemm, huwa l-ammont li l-intimat ikun ghad fadallu jhallas lis-socjeta rikorrenti.

4. L-intimata xtara u akkwista diversi oġġetti, oltre madum, minghand is-socjeta rikorrenti. Dan huwa ammess minnu stess u jirrizulta mid-diversi fatturi li gew esebiti. B'hekk insibu li oltre l-madum, l-intimat kien ordna kmamar tal-banju, *showers*, sinkijiet tal-kcina, *letter box*, *mosaic* tal-hgieg u *kitchen mixers*.

5. Ghar-rigward tax-xiri tal-prodotti minghand is-socjeta rikorrenti, dan ma sarx f'daqqa iżda f'diversi okkazzjonijiet. Kien hemm l-ewwel darba li fiha ghamel l-ordinazzjoni l-kbira imbaghad kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn l-intimat ghamel ordnijiet ohra. Hekk per eżempju insibu lid-direttrici tas-socjeta rikorrenti Camille Pitre tghid fl-affidavit taghha "*Mhux talli Jonathan Said aċċetta it-tiels b'xejn [u spiċċa ha 6 metri kwadri b'xejn], iżda xorta wahda huwa poġġa t-tiles ta' fuq u gie jixtri iktar bhalhom ghall-kmamar ohra li ma kienx ppjana maghna li se jaghmilhom*" (fol. 19).

6. Is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta' €2,015 li huwa l-bilanc li kien ghad fadallu jaghti l-intimat minn somma akbar. Din is-somma skond l-istatement datat 22

ta’ April, 2009 (fol. 25) hija ta’ €13,515.05c u tikkonsisti fis-segwenti fatturi:

| Data tal-Fattura | Numru tal-Fattura u folio fil-process | Ammont | Totali |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 10 ta’ Gunju, 2008 | 00035018 (fol. 31) | €85 | |
| 16 ta’ Gunju, 2008 | 00035094 (fol. 33) | €216 | |
| 3 ta’ Lulju, 2008 | 00035303 (fol. 34) | €155 | |
| 8 ta’ Lulju, 2008 | 00035345 (fol. 38) | €16 | |
| 8 ta’ Lulju, 2008 | 00035347 (fol. 39) | €65.01 | |
| 16 ta’ Lulju, 2008 | 00035408 (fol. 41) | €86.01 | |
| 30 ta’ Lulju, 2008 | 00045459 (fol. 42) | €67 | |
| 30 ta’ Lulju, 2008 | 00035527 (fol. 43) | €370 | |
| 23 ta’ Awwissu, 2008 | 00035735 (fol. 36) | €398.01 | |
| 23 ta’ Awwissu, 2008 | 00035736 (fol. 29) | €1,544.01 | |
| 23 ta’ Awwissu, 2008 | 00035737 (fol. 30) | €670 | |
| 23 ta’ Awwissu, 2008 | 00035739 (fol. 26-27) | €9,650 | |
| 27 ta’ Awwissu, 2008 | 00035777 (fol. 45) | €250.01 | |
| | | | €13,572.05 |

7. Il-fatturi li hargu mis-socjeta rikorrenti fit-23 ta' Awwissu, 2008 baqghu qatt ma gew esebiti fl-atti ta' dan il-process. Dawn l-erba' fatturi jammontaw ghas-somma komplessiva ta' €12,262.02c[1]. Ghandu jinghad però li gew esebiti d-*delivery notes* relattivi.

8. Minn dan l-ammont ta' €13,572.05c kien hemm *reversed invoices* fl-ammont ta' €957.02 liema ammont jikkonsisti fis-segwenti fatturi:

| **Data tal-Fattura** | **Numru tal-Fattura u folio fil-process** | **Ammont** | **Totali** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 16 ta' Gunju, 2008 | 00035097 (fol. 32) | €356.01 | |
| 8 ta' Lulju, 2008 | 00035343 (fol. 37) | €113 | |
| 8 ta' Lulju, 2008 | 00035346 (fol. 40) | €28.01 | |
| 17 ta' Ottubru, 2008 | 00036243 (fol. 46) | €460 | |
| | | | €957.02 |

9. B'hekk jekk mill-ammont ta' €13,572.05 jitnaqqas dan l-ammont ta' €957.02 jigi l-ammont ta' €12,615.03c.

10. Ukoll, skond l-imsemmi rendikont (dok. CP 1 a fol. 25) jirrizulta li fl-4 ta' Lulju, 2008 l-intimat hallas akkont is-somma ta' €5,000.

[1] Fatturi datat ilkoll 23 ta' Awwissu, 2008 numri: 00035735 fl-ammont ta' €398.01 (*delivery date* 7 ta' Lulju, 2008); 00035736 fl-ammont ta' €1,554.01 (*delivery date* 23 ta' Mejju, 2008); 00035737 fl-ammont ta' €670 (*delivery date* 28 ta' Mejju, 2008); 00035739 fl-ammont ta' €9,650 (*delivery date* 3 ta' Marzu, 2008);

11. L-intimat da parti tieghu esebixxa erba' *cheque images* (dok. CHQ 1 sa dok. CHQ 4) a fol. 72 sa 75 liema ċekkijiet skond ma xehdet id-direttrici tas-socjeta rikorrenti Camille Pitre fis-seduta tat-30 ta' Settembru, 2011 kollha issarrfu mis-socjeta minnha rappreżentata. Dawn l-erba' ċekkijiet jammontaw komplessivament ghas-somma ta' €12,000[2].

12. Fit-30 ta' Settembru, 2011 id-direttrici tas-socjeta rikorrenti Mirielle Pitre esebit rendikont iehor din id-darba datat 17 ta' Gunju, 2011 (dok. CPX – fol. 82 u dok. MP 1 – fol. 83). Minn dan id-dokument, tirriżulta fattura ohra li ma ġietx esebita u cioe dik bin-numru 00035738 datata 23 ta' Awwissu, 2008 fl-ammont ta' €1,400. Pero ġiet esebita d-*delivery note* datata 17 ta' April, 2008 (fol. 28).

13. Issa jekk ma l-ammont indikat fil-paragrafu numru disgha (9) ta' din is-sentenza (€12,615.03) jiżdied l-ammont imsemmi fil-paragrafu preċedenti ghal dan u cioe l-ammont ta' €1,400 jigi l-ammont komplessiv ta' €14,015.03c. Dan l-ahhar ammont ta' €14,015.03c huwa l-ammont f'termini monetarji ta' l-akkwisti li ghamel l-intimat mis-socjeta rikorrenti. Jekk tnaqqas l-ammont imhallas mill-intimat fl-ammont ta' €12,000 mill-ammont hawn appena msemmi ta' €14,015.03c jifdal bilanċ favur is-socjeta rikorrenti ta' €2015.03c. Is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta' €2015.

14. It-Tribunal jirrileva li kien ikun ahjar li kieku gew esebiti l-fatturi relattivi flok id-*delivery notes*, però ma ghandux ikun hemm dubju li l-oggetti msemmija fid-*delivery notes* verament gew ikkonsenjati lill-intimat.

---

[2] Ċekk HSBC datat 1 ta' Marzu, 2008 fl-ammont ta' €2000; Cekk HSBC datat 16 ta' Mejju, 2008 fl-ammont ta' €3000; Cekk HSBC datat 11 ta' Gunju, 2008 fl-ammont ta' €2000; Cekk HSBC datat 3 ta' Lulju, 2008 fl-ammont ta' €5000;

15. Mill-provi prodotti, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-intimat fadallu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €2015.

Ikkunsidra ghar-rigward tal-kontro-talba;

16. L-intimat qieghed jitlob minghand is-socjeta rikorrenti s-somma ta' €3,400 rapprezentanti prezz ta' madum ordnat u kkonsenjat lilu mis-socjeta rikorrenti, liema madum irriżulta li kien ta' kwalità u dehra inferjuri minn dak oriġinarjament ordnat minnu. Is-socjeta rikorrenti rrispondiet billi qalet li l-madum ma huwiex ta' kwalità inferjuri tant li gie aċċettat u installat fir-residenza ta' l-intimat u li l-ebda ammont ma huwa dovut minnha.

17. Illi skond ma jirrizulta mill-verbal datat 16 ta' Mejju, 2012, it-Tribunal hatar lil AIC Alan Saliba sabiex (1) jeżamina l-madum fil-proprjeta ta' l-intimat u jirrelata ghar-rigward tat-*texture* tal-gres u l-lostru tieghu u (2) jeżamina l-madum fil-*bathroom* ghar-rigward tal-finish tal-madum u cioe jekk dawn humiex kollha tal-istess *finish matt*, *semi-matt* jew *gloss texture*. Il-Perit tekniku nominat gie awtorizzat ukoll sabiex jeżamina jekk ikun il-kaz, madum simili fis-*showroom* tas-socjeta rikorrenti.

18. Ra r-rapport tal-Perit Saliba debitament mahluf fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012. Skond l-imsemmi rapport, bi tweġiba ghall-kweziti mpoggija lilu mit-Tribunal il-Perit Tekniku stqarr hekk:

08 <u>Konsiderazzjonijiet dwar il-madum tal-art</u>

"09 Il-madum tal-art jikkonsisti f'madum gres ta' kulur griż u daqs 60cm x 60cm imqieghed bil-fil wiesgha u ta' kulur griż skur. Il-konvenut qed jilmenta minn faxx skur f'ghamla ta' bordura mal-madum u kif ukoll minn sinjali qishom grif lejn in-nofs tal-maduma. Dawn il-marki jidhru l-aktar fejn jaqa d-dawl fuq il-maduma. Maduma loose (mhux mqieghdha) ġiet imqabbla fl-istess spazju (Dok. ASR

ritratt 07) u bl-istess dawl jaqa fuqha u ma dehru l-ebda marki fuq din l-istess maduma loose.

**10 Il-marki li hargu fil-bordura tal-maduma huma assoċjati mal-effett mill-eccess tal-grouting matul il-fili u l-esponent kellu opportunita li jara marki simili f'postijiet ohra ta' terzi fi kwistjonijiet li kkoncernaw lit-tile layer u mhux lis-supplier. Dan billi, meta jsir it-tindif ta' dan l-eccess tal-grouting jibqghu il-marki simili ghal dawk riskontrati fil-bordura tal-madum tal-art fil-kwistjoni. Is-sinjali l-ohra f'ghamla ta' grif huma wkoll relatati ma' msieh b'xi kimika tal-istess wiċċ tal-maduma u mhux relatati mal-produzzjoni tal-maduma billi dan il-grif deher angulat fil-maduma. Dan kollu jsib komfort fil-fatt illi fuq il-maduma loose ma dehru l-ebda marki kemm f'ghamla ta' grif u lanqas fil-bordura**". (fol. 109 – 110).

11 <u>Konsiderazzjonijiet dwar il-madum tal-kmamar tal-banju</u>

"12 Il-konvenut indika żewġt ikmamar tal-banju fl-ewwel sular, wahda f'ghamla trijangulari li ghandha tieqa ghal barra (Dok. ASR ritratt 02) u l-ohra f'ghamla kwadra li fiha xaft zghir (Dok. ASR ritratti 03/04). Il-madum tal-kmamar tal-banju jikkonsisti f'madum tac-ceramika ta' kulur beige u daqs 60cm x 30cm bil-fil normali car. Il-konvenut qed jilmenta minn differenza kemm fil-kulur, kemm fit-texture (kemm jinhass lixx il-wicc tal-maduma) u kif ukoll fit-tonalita (kemm hu matt jew gloss il-wicc tal-maduma) tal-istess madum. Din id-differenza tidher l-aktar fejn jaqa d-dawl naturali mit-tieqa fuq il-hajt tal-kamra tal-banju f'ghamla trijangulari u fejn jaqa d-dawl artifiċjali mis-suffett fuq il-hajt tal-kamra tal-banju l-kwadra. Il-madum loose (mhux imqieghed) gie mqabbel ukoll ma' xulxin (Dok. ASR ritratti 05/06) u dehru l-istess differenzi kemm fil-kulur, kemm fit-texture u kif ukoll fit-tonalita tal-istess madum.

13 In ottemporanza mad-digriet tan-nomina, l-esponent spezzjona wkoll is-sample tal-istess madum tal-kmamar tal-banju fix-showroom tas-socjeta attrici (Dok ASR ritratti

o8/09/10) fejn dehru wkoll dawn id-differenzi msemmija fil-madum, ghalkemm f'dan ir-rigward il-konvenuta indika illi dan is-sample mhux l-istess wiehed li kien ra hu, filwaqt illi s-socjeta attriċi ndikat illi kulma kien sar kien li dan is-sample gie spustjat.

14 **Ghalhekk jirrizulta illi kemm fiz-zewgt ikmamar tal-banju msemmija, kemm fil-madum mhux imqieghed u kif ukoll fis-sample li hemm imqieghed fix-showroom tas-socjeta attriċi hemm differenzi kemm fil-kulur, kemm fit-texture u kif ukoll fit-tonalita tal-istess madum**". (fol. 110 – 111).

Ikkunsidra;

19. Claire Said, mart l-intimat xehdet u qalet li ghar-rigward tal-madum ta' l-art (il-gres) dan kellu jkun madum *highly polished* filwaqt li l-madum tal-kmamar tal-banju kien abjad u suppost kollhu mmattjat. Ghar-rigward tal-madum tal-kamra tal-banju hija qalet li dan "*... kien difettuż u dana fis-sens illi l-madum ma kienx l-istess. Kien hemm madumiet li kienu qishom polished u ohrajn qishom immattjati*" (fol. 58). B'referenza ghal-madum tat-tip gres, hija qalet li "*... kien hemm problema fis-sens illi l-madum ma kienx tal-istess shade u ghalhekk dan il-madum kellu wara li twahhal kellhu jerga jinqala u s-socjeta attriċi kienet tatna madum ġdid u llum il-gurnata wara li ilu li twahhal jidher illi hemm biċċiet minnhom illi donnhom polished u ohrajn illi mhumiex. Ghandi nghid ukoll illi rrizulta ukoll illi wara li twahhlu l-madum gie ccippjat u anke mibrux. Ghandi nghid ukoll illi mal-uzu cioe malli wiehed jippassigga fuqu l-madum qisu ttappan*" (fol. 58).

20. Il-Perit Christian Spiteri qal li huwa kien gie nkarigat mill-intimat biex jaghmel spezzjoni fil-proprjeta tieghu ghar-rigward tal-madum li kien tqieghed. Huwa qal li kien hejja rapport (li gie ppreżentat u jinsab esebit a fol. 100 et seq). Skond ma rrizultalu huwa sab li "*... f'certu kmamar tal-banju anke ma' l-art kien hemm ċertu madumiet l'hemm u l'hawn illi ma kienux jaqblu eżattament mal-*

*kumplament tal-madumiet u dana fis-sens illi kien hemm sfumaturi tal-kulur daqxejn differenti u anke xi blemishes*" (fol. 69). Huwa qal li l-madum mhux suppost li kien hekk. Il-Perit Spiteri kkonkluda li "*... l-unika mezz kif wiehed jista jirranġa din il-problema huwa li jnehhi l-madum u jerga jaghmlu gdid*" (fol. 69).

21. L-intimat xehed u qal li meta tqieghed il-madum tal-*ground floor* ma kienx hemm problemi iżda mbaghad x'hin gew biex jqieghdu l-madum ta' l-ewwel sular "*... stajt ninnota li kien hemm differenza fil-lewn fil-gres li kien qieghed jitpoġġa fl-istess sular*" (fol. 96). Huwa talab lil tal-madum sabiex jieqaf milli jkompli jqieghed il-madum u talab li ssir laqgha fuq il-post mar-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti. Fil-fatt is-socjeta rikorrenti kienet qablet li tbiddel xi madum. Ghar-rigward tal-madum tal-ground floor, l-intimat ighid li "*il-complaint taghna hija illi fejn imis il-grouting bejn il-gres u l-iehor il-polish mar u allura l-maduma fil-maggor parti taghha tkun tleqq mentri t-truf l-erbat itruf taghha, l-erbat ignub taghha ma jkunux ileqqu u ovvjament meta jkollok ammont konsiderevoli mal-art dan ma jkunx sabih ghal ghajn*" (fol. 98).

22. B'referenza ghall-kmamar tal-banju, huwa qal li kien hemm problema ghar-rigward ta' tnejn minnhom. Il-problema kienet li "*x'hin twahhal dan il-madum jiena stajt nirriskontra li maduma minnhom tara r-riflessjoni mod u fil-maduma l-ohra ta' hdejha jew ta' fuqha jew ta' tahtha tara riflessjoni mod iehor*" (fol. 97). Jkompli jghid li "*jista kien qieghed jiġri l-kas illi wkoll wahda tkun tleqq u l-ohra matta, anki t-texture tal-maduma kien differenti*" (fol. 97). Qal ukoll li induna bil-problema fil-kmamar tal-banju meta tnehha l-grouting żejjed x'hin inhaslu l-imsemmija kmamar. Biex jitnehha l-*excess grouting*, jkompli jghid l-intimat, kien intuża ċertu ghactu ghaltalaposta. Huwa reggha ċempel lir-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti biex jinfurmahom b'din il-problema u l-istess rappreżentanti kienu marru ghandu mill-gdid. Huwa kellem lil kuġin tieghu Johann Said li kien irrakomandalu biex jixtri l-affarijiet minghand is-socjeta rikorrenti u meta dan ta' l-ahhar ra dak li kien qieghed jilmenta minnu l-intimat. Huwa qallu li hu ukoll kellhu l-istess problema u li s-socjeta rikorrenti

kienet biddlitlu l-madum. Meta r-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti waslet fir-residenza ta' l-intimat u huwa werieha dak li kien qieghed jilmenta minnu, l-intimat ighid li Camille Pitre qaltlu "*li dak hekk hija l-moda*" (fol. 97). Minkejja dawn l-ilmenti, l-intimat spiċċa xtara madwar hamsin metru iehor gres ta' l-art. Kif ukoll xtara l-madum ta' mal-*pool area* u żewġ sinkijiet. Wara kien inkariga lill-Perit Christian Spiteri sabiex jaghmillu rapport dwar il-madum tar-residenza tieghu.

23. L-intimat ressaq bhala xhud, lil Alex Vella Falzon, rappreżentant tas-socjeta Vella Falzon Building Supplies Limited li hija l-kumpanija li minghandha l-intimat xtara l-*grouting* li intuża mal-madum u l-Mapei Keranet liquid (li huwa diluted hydrochloric acid). Dan l-ahhar prodott jintuża biex jitnehha l-*grouting* żejjed li jkun hemm mal-madum. Huwa qal li "*dan il-Mapei Keranet huwa prodott attaposta sabiex ikun jista jitnehha l-grout u huwa safe biex tuzah*" (fol. 132). Qal ukoll li l-madum tat-tip gres ma ghandux ikollu absorption rate ta' mhux iktar minn 0.005%. Fil-fatt jghid li s-socjeta minnu rappreżentata timporta l-gres u meta kunsinna "*... ta' madum tat-tip gres nuzaw permanenti marker fuq il-wicc tal-maduma jekk il-permanent marker jitnehha faċilment allura dak ikun ifisser li l-maduma hija tajba, jekk ma jitnehhiex allura jkollna problema*" (fol. 132). F'dan ir-rigward, id-difensur ta' l-intimat fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2013 "*... kellu żewġ madumiet tat-tip gres, wahda minghand is-socjeta rikorrenti u li kienet fil-pussess ta' l-intimat peress li kienet wahda mil-konsenja li huwa xtara u ohra proprjetà ta' terzi u li ma ghandhiex x'taqsam maghha s-socjeta rikorrenti*" (ara verbali tal-15 ta' Frar, 2013). Id-difensuri tal-partijiet qablu ukoll li fuq il-maduma tas-socjeta rikorrenti meta saret marka bil-*permanent marker* din baqghet hemm u ma thassritx, mentri fuq il-maduma l-ohra mhux tas-socjeta rikorrenti il-marka thassret.

Ikkunsidra ulterjorment;

24. It-Tribunal ra r-rapport tal-Perit Alan Saliba u l-eskussjoni li saritlu fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012. Huwa qal li meta mar fir-residenza ta' l-intimat huwa

rriskontra hsara fil-madum ta’ l-art (il-gres), liema hsara grat minhabba l-applikazzjoni tal-*grouting* u l-uzu ta’ l-ghactu meta jitnehha l-*excess grout*. Qal ukoll li “*it-tebgha fuq il-madum harget skura, dan ifisser illi allura l-ghaliex il-grouting huwa skur it-tebgha ġejja minn hemm*” (fol. 127). Zied ighid li “*huwa normali li jkun hemm eċċess bil-grouting però mhux normali illi jhalluh hafna zmien*” u li “*jekk jitnaddaf mal-ewwel ma ghandhomx johorgu dawk id-difetti però jekk jithalla allura ovvjament imbaghad johrog*” (fol. 127). Il-Perit Saliba qal li dan il-fatt huwa aċċettat mit-*tile layers* u li l-istess *tile layers* jaċċettaw dan id-difett. Idejalment, ikompli jghid il-Perit Saliba, l-*grouting* jiġi applikat bis-spatula u idejalment ukoll, wara li ssir biċċa jitnaddaf mal-ewwel mhux issir il-kamra kollha. Jekk it-*tile layer* idum biex inaddaf l-grouting ser ikun hemm iktar lega tal-*grouting* u ghalhekk ikollu jintuża l-ghactu ghaliex huwa aktar b’sahhtu. Jekk mill-banda l-ohra l-*grouting* ma jdumx biex jitnehha, allura ma jkunx hemm bżonn li jintuża l-ghactu. Il-Perit irriskontra li f’dan il-kaz kienet intużat kimika, fatt dan li rrizulta ammess mill-intimat. Huwa qal li l-*grout* per se ma kienx difettuż iżda l-metodu ta’ kif gie applikat u kif tnehha. Ghalhekk, l-iskurita fuq il-madum u li ġiet riskontrata minnu, harget bis-sahha tal-kimika kollu li kien hemm fil-grouting partikularment il-kulur tieghu. Huwa fatt aċċettat li jekk thalli l-*grouting* ghal hafna żmien fuq il-madum minghajr ma jitnaddaf dan itebbgha l-madum. Mistoqsi jekk jaqbilx mal-fatt li l-gress ma ghandux ikun poruz, il-Perit Tekniku qal li jaqbel u li l-gres jassorbi mill-genb kif gara f’dan il-kaz. Il-madum li kien hemm loose u li intwerew lilu waqt l-access ma kellhomx dan id-difett. Ghalhekk, il-Perit Tekniku jikkonkludi li dan id-difett hareg meta gie applikat il-grout.

25. Il-partijiet ippreżentaw ukoll xi dokumentazzjoni ghar-rigward tal-madum in dizamina, liema dokumentazzjoni t-Tribunal ra u eżamina bir-reqqa.

26. It-Tribunal ma jarax raġuni ghala ghandu jiddiskosta ruhhu mill-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku Alan Saliba, minnu nominat, u qieghed jaddotta l-konkluzzjonijiet tieghu ghal kweziti lilu mposti fl-intier taghhom. Ghalhekk, in vista ta’ dan it-Tribunal ma jistax jilqa t-talbiet tal-intimat

kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu. Is-socjeta rikorrenti ma ghandhiex ghax twieġeb ghall-hsara li hemm fil-madum tal-gres u ghat-tonalita, kulur u *texture* differenti fil-madum tal-kmamar tal-banju l-ghaliex l-intimat ghar-rigward ta' dawn l-ahhar tip ta' madum (tal-kmamar tal-banju) kien jaf x'kien qieghed jixtri u seta jara u jikkonstata li kien hemm differenzi f'dan il-madum u ghalhekk messu ezaminahom aktar sew qabel ma xtrahom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:

1. Jichad l-eccezzjoni kollha ta' l-intimat ghar-rigward tat-talba prinċipali u jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti. Konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn u hmistax-il euro (€2015) flimkien ma l-imghaxijiet kif mitluba.

2. Filwaqt li jilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta rikorrenti ghall-kontro-talba ta' l-intimat, jichad l-istess kontro-talba.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------